MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Numru 449/2008

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')
vs
Joseph Mark Bonello

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Joseph Mark Bonello ta' 40 sena, bin Joseph u Helen nee' Micallef, imwieled Footscray, Melbourne Victoria, Awstralja fl-10 ta' Dicembru 1967 u residenti 32, Triq il-Qrejten, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 53484(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. F'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' April 2008 u fil-jiem ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jaghmel hsara lil Nicholas Farrugia minn Haz-Zabbar, akkuza lil Nicholas Farrugia quddiem awtorita' kompetenti b' reat, filwaqt li kien jaf li

Farrugia kien innocenti u liema delitt ghamlu bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

2. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b' hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b' mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

4. Fix-xahar ta' April 2008 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lill-ohrajn, b' korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun eccess minn dak li jkun permess bil-Ligi;

5. B' hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali bi tliet sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 25 ta' April 2005, 20 ta' Gunju 2006 u 24 ta' Ottubru 2007, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula ;

6. B' hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b' sentenza taghha ta' nhar l-24 ta' Ottubru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

7. Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 109 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 15 ta'

Mejju 2008 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija regisrata mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera bis-shih mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet u l-fatt li l-imputat ghandu jirkupra ammont sostanzjali ta' flus mislufa lil-parti civili Nicholas Farrugia u li kien fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi li l-imputat ghazel li jaghmel rapport lil Pulizija li sussegwentement irrizulta li kien falz. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-parti civili Nicholas Farrugia rrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat u fid-dawl ta' dan kollu ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 101(1)(a) u (2), 110(1), 110(2), 298C, 49, 50 u 28A sa H tal-Kap. 9

tal-Ligijiet ta' Malta tiddikajra li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum u multa ta' erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) li b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u seba' u tmenin Ewro u hamsin Ewro centezmi (€187.50) u b'dan illi l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2008. Fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax il-Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmu (€11.65) dovut.

Inoltre l-Qorti tordna li s-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-24 ta' Ottubru 2007 tigi estiza ghal perijodu ta' erba' (4) snin.

Barra minn hekk il-Qorti tordna l-interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti inoltre tordna li estratt ta' din is-sentenza jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------